MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru. 649/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Stephen Spiteri ta'27 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Bollawp nee Spiteri, imwieled Pieta 7/8/1981, u joqghod 265 t' Albert Street, Gzira jew Flat 7, Luqa Briffa Street, Gzira. Detentur tal-karta ta' l-identita`435381M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli nhar is-Sibt 10 ta' Awissu 2002,bejn 12.30 ta' fil-ghodu u s-7.15 ta' fil-ghodu gewwa Triq il-Pitirross, Mellieha ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Ford Fiesta numru ta' registrazzjoni HAA 891, ghal valur ta' Lm1000 u aktar, ghad-detriment ta' Mario Vella mill-Mellieha, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-

haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 267, 270 u 271(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fil-granet bejn is-Sibt 10 ta' Awissu u l-Hadd 11 ta' Awissu 2002, f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkiwstati b'reat u dan ai termini tal-artikolu 334 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ghal habta tal-erbgha ta' filghodu l-Hadd 11 ta' Awissu 2002, volontalrjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew  immobli, liema hwejjeg huma  bibien tal-aluminium  u hgieg tal-fond Tropical Bar, li jinsab gewwa Triq Paceville Avenue, San Giljan, tal-valur  ta' Lm 100 imma anqas minn Lm500 u dan ghad-dannu ta' Allan Xuereb minn Swieqi u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar il-Hadd 11 ta' Awissu u t-Tnejn 12 ta' Awissu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, ingurja jew hedded lil Maria Dolores Grima, u dan ai terminu ta' artikolu 339(1)e, ta' Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar il-Hadd 11 ta' Awissu 2002, halef falz quddiem Magistrat jew ufficjal iehor li kellu s-seta bil-ligi li jghati l-Gurament, u dan ai terminu ta' artikolu 108(1)(a) ta' Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar il-Hadd 11 ta' Awissu u t-Tnejn 12 ta' Awissu 2002 fl-istess Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, xjentament jissporimi jew b'xi mod jeqred jew ibiddel tracci jew indizji ta' reat u dan ai terminu tal-artikolu 111(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-Tnejn 12 ta' Awissu, 2002, gewwa l-ghassa tal-|Pulizija San Giljan ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Robert Gregory, liema persuna hu inkarigat mill-ligi minn servizz publiku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan ai terminu tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar il-Hadd 11 ta' Awissu 2002 u t-Tnejn 12 ta' Awissu fl-istess Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, irrifjuta minghajr raguni tajba, jaghti l-ghajnuna tan-nies, irrifjuta, minghajr raguni tajba, jaghti l-ghajnuna tieghu, jew irrifjuta jghati taghrif dwar dak l-ghajnuna tieghu, jew irrifjuta li jaghti taghrif jew partikolaritajiet foloz, lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijet tieghu, u dan ai terminu tal-artikolu 338( c ) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, dati u cirkostanzi ma halliex jew fixkel il-Pulizija u l-esperti mahtura mill-Qorti waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor, jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jghamel dal li b'ligi ordnat jew jista' jaghmel, u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tal-20 ta' Frar 2003;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din ail-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAA 891, proprjeta ta' certu Mario Vella, giet misruqa fil-gurnata ta'l-10 ta' Awissu 2002 bejn in-12:30 ta' fil-ghodu u is-7:15 ta' l-istess ghodwa. Minn gewwa il-Mellieha vicin ir-residenza ta'l-istess Mario Vella. Illi aktar tard matul il-gurnata u cioe' fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awissu tas-sena 2002, dina l-istess vettura intlemhet gewwa Paceville minn certu Alan Xuereb, Maria Dolores Grima u Amanda Grima qieghda

tinstaq mill-akkuzat, illi huma kienu jafu u li mieghu huma kellhom xi problemi. L-ghada u cioe' fil-gurnata tal-11 ta' Awissu 2002, il-pulizija sabu dina l-vettura vicin ir-residenza ta'l-akkuzat, b'diversi hsarat fiha, kif ukoll bil-bieba tax-xufier illivata u il-kaxxa ta'l-isteering wheel maqlugha. Inoltre f'dina l-istess vettura instabu diversi bicciet ta' hgieg li ukoll gew elevati mill-istess vettura mill-ufficjali dwar ix-xena tad-delitt u li dwarhom l-espert Mario Mifsud ghamel ezamijiet forensici u wasal sabiex jistabilixxi illi dawn kellhom komposizzjoni elementali simili hafna, liema hgieg fosta affarijiet ohra jintuza fi *flat glass, container glass, electric bulbs, automotive windows u security windows.*

Fl-istess lejl u cioe' il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awissu, saret hsara fuq il-bieb ta' hanut bl-isem Tropical Bar proprjeta ta' Alan Xuereb. Mix-xhieda ta' Alan Xuereb, irrizulta illi xi girien kienu infurmawh illi f'xi hin matul il-lejl semghu vettura tirrejzja u tkisser dana l-istess bieb. Madanakollu ma hemm l-ebda xhud illi ra l-persuna li ghamlet dina l-hsara jew liema kienet il-vettura li instaqet ghal go dana il-hanut.

Mix-xhieda ta' Alan Xuereb, Maria Dolores Grima u Amanda Grima, irrizulta illi l-imputat f'xi hin qabel kien intlemah minnhom Paceville. Huma ighidu illi l-ewwel rawh isuq vettura tal-ghamla Fiat, li huma jafu li hija il-vettura tieghu, u izjed tard madanakollu huma rawh qed isuq vettura ta'l-ghamla Fiesta, liema vettura huma identifikaw bhala l-istess vettura li giet elevata mill-pulizija u li ittiehdet l-ghassa ta' San Giljan. Inoltre mix-xhieda ta' Stefan Cutajar, li jistqarr illi kien ma'l-imputat f'dik il-lejla, irrizulta ukoll illi l-imputat kellu dina l-istess vettura Fiesta fil-pussess tieghu matul il-gurnata tas-Sibt 10 ta' Awissu. Ix-xhud iddikjara illi huwa rikeb f'dina il-vettura u anke saqha ghal xi distanza. Ighid illi huwa rikbu f'din il-vettura mill-bieba tal-passiggier ghaliex l-imputat qallu li l-bieba tax-xuifier kienet bil-hsara. Ighid illi l-imputat ma kellux ic-cwievet ta' dina l-vettura, ghalkemm kien stqarr mieghu illi dina kien xtraha, u kien startja il-vettura permezz tac-cavetta tal-vettura tal-ghamla Fiat li kienet ta'l-imputat. Ighid illi wara li l-imputat startja il-vettura, huwa nehha

dina ic-cavetta mill-ignition key, imbaghad meta gie biex jitfi il-karozza, huwa rega dahhal dina l-istess cavetta fl-ignition key u tfieha.

Illi ghalkemm mill-atti processwali jirrizulta illi kienet infethet inkjesta magisterjali in konnessjoni ma' dana il-kaz u cioe' mas-serq tal-vettura u l-att tal-vandalizmu fuq il-hanut Tropical Bar, madanakollu l-atti ta'l-inkjesta qatt ma gew inseriti f'dana il-process. Jidher madanakollu illi fl-atti ta'l-inkjesta gew nominati diversi esperti li kollha xehdu quddiem dina il-Qorti u esebew ir-rapporti taghhom. Jidher illi quddiem l-espert il-P.L. Giuliana Scerri Ferrante xehdu diversi xhieda li madanakollu bosta minnhom ma gewx imressqa quddiem dina l-Qorti sabiex jaghtu ix-xhieda taghhom viva voce, fosthom Alan Saliba u Dunstan Camilleri. Jidher mir-rapport ta'l-espert illi bosta minn dawn ix-xhieda, xehdu il-falz quddiem l-espert. Dana irrizulta peress illi hemm kunflitt shih bejn dak illi xehdu Dunstan Camilleri, Alan Saliba, omm u oht l-imputat u l-imputat stess.

Fl-istqarrijiet imbaghad li gew rilaxxjati mill-imputat, liema stqarrijiet jinsabu esebieti a fols. 27 u 29 tal-process, l-imputat ghazel li ma iwegibx ghall-ebda domanda li kienet qed issirlu. Illi ghandu jinghad illi meta l-imputat xehed quddiem l-espert tal-Qorti, ghalkemm kien hemm indikazzjoni illi huwa kien il-persuna suspettata fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom illum jinsab akkuzat, huwa ma inghata l-ebda twissija, kif kellu dritt illi jinghata li seta jaghzel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda li kienet qed isirlu minhabba li stea' jinkrimina ruhu. Ghaldaqstant il-Qorti thoss illi l-imputat qatt ma seta' jigi akkuzat bir-reati lilu addebitati fil-hames, is-sitt, it-tmien u id-disgha imputazzjonijiet, stante illi l-imputat kellu kull dritt skond il-ligi illi huwa ma jaghti l-ebda assistenza lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet billi ma iwiegeb ghall-ebda mistoqsija li kienet qed isirlu in konnessjoni mal-kummissjoni tad-delitti li kienu qed jigu investigati. Oltre dan, l-imputat ma jidhirx illi naqas li jikkopera mal-pulizija jew ma' xi espert tal-Qorti stante illi lanqas l-impronti digitali tieghu ma gew lilu mitluba u fil-fatt fl-atti tal-kawza la qatt gew esebiti dawna l-impronti digitali u wisq anqas

il-Qorti giet mitluba sabiex jigi nominat espert sabiex jeleva l-istess bil-ghan li tkun tista' issir l-ezami ta' komparazzjoni ma'l-impronti digitali elevati mill-esperti fl-inkjesta minn fuq il-vettura misruqa u elevati mill-pussess ta'l-imputat!

Illi ghaldaqstant jibqghu l-akkuzi dwar is-serq u il-hsara volontarja, oltre l-akkuzi l-ohra ta' natura kontravvenzjonali. Illi ghandu jinghad illi ghalkemm ma hemm l-ebda xhud li ra lill-imputat jisraq il-vettura tal-ghamla Fiesta jew inkella li ra lill-imputat effettivament jidhol fil-faccata tal-hanut Tropical Bar bil-vettura tieghu, madanakollu mix-xhieda migjuba mill-proskuzzjoni, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi kien proprju l-imputat illi seraq il-vettura proprjeta ta' Mario Vella, kif ukoll illi bl-istess vettura huwa baqa' diehel intenzjonalment fil-faccat tal-hanut Tropical Bar u ikkaguna l-hsara indikata minn sid il-hanut. Dana qed jinghad ghaliex il-provi indizzjarji migjuba f'din il-kawza kollha jindikaw dana.

Fl-ewwel lok il-vettura Fiesta instabet vicin nir-residenza ta'l-imputat. Kellha diversi hsarat fiha kompatibbli ma' serq u dana precizament minhabba li jidher illi kellha l-istarter sfurzat. Oltre dan il-vettura kien fiha diversi hsarat fil-bumper, mudguard u windscreen kif ukoll kellha diversi bicciet tal-hgieg imkisser maqbud bejn il-bumper u il-body tal-karozza, liema hgieg gie elevat u li fuqhom saru l-ezamijiet foresnisci li wasslu sabiex jistabilixxu illi huwa probabbli illi dan kien l-istess hgieg tal-vetrina miksura tat-Tropical Bar. Ghalhekk gie stabbilit minghajr dubbju illi dina l-vettura li tidher li giet misruq hija l-istess vettura li intuzat sabiex saret il-hsara fil-hanut Tropical Bar.

Illi mill-provi jirrizulta illi hemm rabta ukoll bejn il-kummissjoni ta' dawn iz-zewg reati u l-persuna ta'l-imputat. Qabel xejn ix-xhieda ta' Stefan Cutajar hija wahda determinati li tixhet dawl fuq dak illi ghamel l-imputat fil-gurnata in kwistjoni. Cutajar li kien habib ta'l-imputat jindika illi hwua qatt ma kien ra lill-imputat bil-vettura Fiesta u meta staqsieh minn fejn kien gab din ail-karozza, l-imputat wiegbu illi kien xtraha, Cutajar ukoll jidnika illi l-imputat ma startjax il-vettura bil-mod normali

izda ghamel dana billi uza ic-cavetta tal-vettura tieghu u cioe' tal-Fiat biex startja dina l-vettura, imbaghad nehhieha u ghamel hekk ukoll sabiex imbaghad tfieha. Ighid ukoll illi l-imputat rikeb mis-seat tal-passiggier sabiex mar fuq is-seat tas-sewwieq u dana peress illi s-seat tas-sewwieq kienet imsakkra. Dawna l-affarijiet kollha jindikaw illi l-vettura kienet giet misruqa. Dana Cutajar jikkonferma ukoll illi dak in-nhar fil-ghaxija huwa nizel Paceville ma' Stephen Spiteri bil-karozza ta' Stephen u cioe' bil-Fiat, imbaghad huwa wassal lil Stephen id-dar, u dana Cutajar baqa' sejjer id-dar bil-karozza ta' Stephen. Illi Alan Xuereb, Maria Dolores Grima u Amanda Grima fil-fatt ighidu illi l-ewwel li raw lill-imputat gewwa Paceville huwa kien bil-karozza tieghu u cioe' bil-Fiat ma' persuna ohra, izda iktar tard huma rawh wahdu b'vettura ohra u cioe' bil-vettura Fiesta, li aktar tard imbaghad huma identifikaw meta dina giet elevata mill-pulizija. Illi mix-xhieda ta' dawna in-nies jidher illi kien hemm xi disgwid bejniethom u cioe' bejn Grima Xuereb u l-imputat minhabba illi r-relazzjoni li kien hemm bejn l-imputat u Amanda Grima kienet intemmet.

Illi dawna l-provi kollha jindikaw illi l-imputat kien il-persuna li seraq il-vettura tal-ghamla Fiesta proprjeta ta' Mario Vella, kif ukoll illi kien huwa stess illi b'dina il-vettura ikkaguna hsara fil-proprjeta ta' Alan Xuereb u cioe' fil-fond Tropical Bar.

Illi ghalhekk l-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati. Illi it-tieni akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghal dik tas-serq u ghalhekk l-Qorti serjra tillibera lill-imputat minn dina it-tieni akkuza.

Illi dwar l-akkuza ta' natura kontravenzjonali u cioe' r-raba akkuza dina ma gietx ippruvata peress illi minn imkien mill-provi ma irrizulta illi f'xi hin l-imputat ingurja jew hedded lil Maria Dolores Grima. Illi dana jista jinghad ukoll dwar is-seba akkuza u cioe' dwar l-offiza fuq il-persuna ta'l-Ispettur Robert Gregory a tenur ta'l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9, peress illi lanqas mix-xhieda ta'l-Ispettur stess dina ma tirrizulta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ikkollabora u qeghda sa issa jaghti l-assistenza lill-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjonijiet dwar reati ohra ta’ natura gravi fosthom reat ta’ omicidju.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)f)(G), 263, 269, 265, 266, 267, 270, 271, 279(b), 280, 281, 325(b) u 533 tal-Kpaitolu 9 ta’l-Ligijet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, ir-raba, il-hames, is-sitt, is-seba, it-tmien, u d-disgha akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta’l-ewwel u it-tielet akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana il-perijodu ta’ prigunerija qe djigi sospiz ghal zmien erba snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet il-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------